# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 30 ta' Mejju 2001**

**Numru 4**

**Citazz. numru: 82/90L1 AM**

**Dottor Anthony H. Farrugia bhala kuratur specjali tal-minuri Fabienne u Rowan ahwa Carbone**

**vs**

**Vernie Carbone ghan-nom u in rappresentanza tas-socjetajiet "Everest Contractors Ltd.", "F. & R. Holdings Ltd.", "The Orangery Limited", u "Overseas Trading Company Ltd." "isem liema kumpanija, b'rizoluzzjoni ta' l-azzjonisti taghha datat id-29 ta' Jannar 1993 sar Burlington Holdings Limited"[1], Agostino sive Winston Carbone u l-Avukat Dottor Eric Mamo ghan-nom u in rapprezentanza tal-Mid-Med Bank Ltd.; u b'nota tas-6 ta' Frar 1998 l-isem tas-socjeta' Mid-Med Bank**

[1] Annotazzjoni b'digriet tad-9 ta' Awissu 2001.

**Limited gie sostitwit ghal Mid-Med Bank p.l.c. u dana b'rizoluzzjoni generali ta' l-azzjonisti tas-socjeta' Mid-Med Bank Limited tas-17 ta' Dicembru 1999; u b'nota tat-8 ta' Novembru 1999 l-isem tas-socjeta' Mid-Med Bank p.l.c. inbidel ghal HSBC Bank Malta p.l.c. b'rizoluzzjoni mehuda f'laqgha straordinarja ta' l-azzjonisti tas-socjeta' Mid-Med Bank p.l.c. tat-18 ta' Awissu 1999 u dana b'effett mill-1 ta' Dicembru 1999.**

**Il-Qorti,**

Din il-kawza giet proposta fil-Prim'Istanza fit-23 ta' Jannar 1990. L-attur nomine qed jitlob fiha biex il-Qorti tiddikjara diversi kuntratti pubblici u skritturi ohra bhala nulli. F'dawn id-diversi kuntratti u skritturi kien deher il-konvenut Agostino sive Winston Carbone ghan-nom u in rapprezentanza tad-diversi socjetajiet konvenuti liema kuntratti u skritturi kollha jirrigwardaw self u facilitajiet ohra bankarji moghtija lil dawn is-socjetajiet mis-socjeta' konvenuta l-ohra Mid-Med Bank Limited (illum HSBC Malta Limited).

Effettivament irid jinghad mill-bidu illi din il-kawza giet provokata b'sensiela ta' kawzi ohra fejn l-istess Mid-Med Bank Limited kienet ipprocediet ghall-ezekuzzjoni ta' l-ammonti hekk mislufa

skond il-kuntratti u skritturi li dwarhom jinghataw aktar dettalji f'din is-sentenza.

Infatti l-kawza "Avukat Dottor Henry sive Eric Mamo noe vs Agostino sive Winston Carbone et noe" (Citazzzjoni Numru: 106/89) giet differita *Sine Die* mill-Qorti tal-Kummerc fit-13 ta' Novembru 1989 wara talba mill-attur nomine f'din il-kawza biex jintervjeni f'dik il-kawza u biex il-Qorti tissopprassjedi sakemm tigi proposta u deciza proprju din il-kawza. Il-kawza invece Citazzjoni Numru: 108/89 giet differita fil-15 ta' Gunju 1990 proprju biex tistenna l-ezitu ta' din il-kawza; il-kawza Citazzjoni Numru: 110/89 kellha tmur *Sine Die* pero' giet dejjem differita minflok ukoll biex tistenna l-ezitu ta' din il-kawza; fil-waqt illi l-kawza Citazzjoni Numru: 111/89 fis-seduta tal-15 ta' Gunju 1990 gie fiha hekk verbalizzat: "*L-Avukati tal-partijiet qablu illi din il-kawza tigi trattata kontestwalment mal-kawza Numru 32 fuq il-lista tallum (Citazzjoni Numru: 108/89) u mal-kawza fl-ismijiet "Dr. A. Farrugia noe vs V. Carbone et noe".*"

Jinghad illi dawn il-kawzi kienu kollha fl-istess ismijiet u cioe' "Dr. Henry sive Eric Mamo noe vs Agostino sive Winston Carbone noe”, minkejja illi l-konvenut nomine kien f'kull kawza qed jirrapprezenta socjeta' wahda jew aktar minn socjeta'

wahda u kien anke f'wahda mill-kawzi gie mharrek personalment. Is-socjetajiet kollha pero' huma s-socjetajiet konvenuti f'din il-kawza (hlief ovvjament ghall-konvenut Mid-Med Bank Limited) u dawk il-kawzi huma kollha kawzi fejn il-Bank (allura attur) qed jitlob il-kundanna ghall-hlas ta' ammonti mislufa lil, jew iggarantiti minn, is-socjetajiet konvenuti u dana permezz ta' kuntratti pubblici jew skritturi privati li huma l-meritu ta' din il-kawza. Peress illi fil-kawzi fuq citati l-kontestazzjoni principali jekk mhux unika, huma l-kwistjonijiet legali sollevati f'din il-kawza u, dawna apparti, hemm kwazi l-ammissjoni da parti tal-konvenut Winston Carbone fil-veste personali tieghu li l-ammonti reklamati huma dovuti allura jsegwi li dak li gie deciz mill-Qorti tal-Kummerc f'dawk il-kawzi u cioe' li dawna kellhom jistennew l-ezitu ta' din il-kawza, kien sostanzjalment korrett.

Maghmula dawn il-premessi jiswa li tigi kkwotata l-premessa citattiva li fuqha l-attur nomine qed jibbaza t-talba tieghu ghan-nullita' ta' dawn il-kuntratti u skritturi "*Peress illi kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-imsemmi Agostino sive Winston Carbone ma setghax validament jikkonkludi ghan-nom tas-socjetajiet konvenuti llum rappresentati minn Vernie Carbone l-imsemmija kuntratti u skritturi, ghaliex fost affarijiet ohra huwa abbuza mis-setgha tieghu sew ta' missier sabiex jivvota minflok*

*il-minuri fil-laqghat ta' l-azzjonisti, kif ukoll bhala direttur, liema kariga ma setghet qatt tezisti fil-konfront tieghu f'xi kazi, u in oltre wkoll li kieku kellu l-kapacita' li jirrapprezenta s-socjetajiet imsemmija, ghal dan il-ghan kien ikun jehtieg li tali kuntratti u skritturi jigu sanciti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili, u ghalhekk kulma sar fl-imsemmija kuntratti u skritturi mis-socjetajiet konvenuti kif rapprezentati huwa null u bla effett fil-ligi.*"

Is-socjeta' konvenuta Mid-Med Bank Limited irribattiet din il-promessa fl-eccezzjonijiet taghha fejn eccepiet:

"1. Illi t-talbiet dedotti fic-citazzjoni mill-attur nomine ghandhom jigu respinti billi:-

a. Il-persuni giuridici kif huma s-socjetajiet konvenuti Everest Contractors Ltd.", "F & R Holdings Ltd.", "The Orangery Ltd." and "Overseas Trading Ltd." huma distinti mill-azzjonisti taghhom u kull inkapacita' ta' l-azzjonisti hi rrilevanti ghal kapacita' tal-persuna giuridika li taghha huma membri. Darba li l-persuna giuridika hija validament rappresentata minn persuna delegata ghal dan il-ghan skond l-istatut tal-persuna giuridika, din il-persuna giuridika

tintrabat bl-obbligazzjonijiet kollha li jikkontratta ghan-nom taghha l-mandatarju taghha;

b. F'kull kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess anki kieku jirrizulta li Winston Carbone bhala debitament awtorizzat mill-Bord tad-Diretturi biex jidher fuq il-kuntratt abbuza mill-poteri tieghu, kull att maghmul ma' terzi in Bona Fede huwa validu, legali u vinkolanti: imkien ma gie allegat illi l-eccipjenti nomine kien in mala fede jew f'komplicita' mal-konvenut Winston Carbone fl-allegat abbuz;

c. Jekk il-konvenut Winston Carbone abbuza mill-poteri tieghu fil-konfront ta' l-azzjonisti, ir-rimedju ghal dana l-agir mhux in-nullita ta' l-obbligazzjonijiet tas-socjetajiet fil-konfront tat-terzi, izda azzjoni ohra interna bejn l-azzjonisti w id-direttur li jkun abbuza;

d. Illi bhala fatt, is-socjetjiet "Everest Contractors Ltd.,", "F & R Holdings Ltd.", "The Orangery Ltd." u "Overseas Trading Co. Ltd." rcevew il-flus mislufa u nnegozjaw bl-istess flus u ghalhekk l-obbigazzjoni kontrattwali ta' l-istess socjetajiet li jirrestitwixxu dawn il-flus ghadha tezisti u ferma.

2. Salv eccezzjonijiet ohra ulterjuri."

Il-konvenuti l-ohra u cioe' Vernie Carbone nomine u Winston Carbone proprio eccepew rispettivament:

**Vernie Carbone nomine:**

1. “Illi hija taqbel li l-kuntratti u skritturi mertu ta' din il-kawza huma nulli u bla effett fil-ligi ghar-ragunijiet moghtija mill-attur nomine;

2. Illi s-socjetajiet minnha rappresentati ma kellhomx il-kapacita' li jikkuntrattaw tali negozji, u kull obbligazzjoni assunta mill-konvenut Agostino sive Winston Carbone ghan-nom tas-socjetajiet imsemmija trid titqies ghalhekk li giet assunta minn Winston Carbone personalment;

3. Salvi eccezzjonijiet.”

**Agostino sive Winston Carbone:**

1. “Illi l-atti kollha maghmulha minnu ghan-nom tas-socjetajiet illum rappresentati minn Vernie Carbone, saru hekk minnu

ghaliex haseb li kien sufficjenti ghalih li jidher wahdu u minghajr awtorizzazzjoni ulterjuri fuq dawn l-atti;

2. Illi huwa mhux hati ta' xi mala fede fir-rigward ghalhekk u jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi f'din il-kawza;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra."

Il-kawza giet deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-11 ta' Novembru 1994 b'dan il-mod:

"*Ikkunsidrat:-*

*Illi wara li ezaminat il-provi prodotti w il-punti ta' dritt involuti, hija waslet ghall-konkluzzjoni li l-lattur nomine ma rnexxilux jipprova l-ewwel talba tieghu, u dan ghar-ragunijiet sottomessi mill-konvenut Mid-Med Bank Limited, hawn fuq citati, li l-Qorti qeda tadotta u taghmel taghha;*

*Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi billi, filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Avukat Dottor Eric Mamo nomine, tichad bhala nfondata fil-fatt u fid-dritt l-ewwel talba attrici, u per konsegwenza, tichad ukoll it-talbiet attrici l-ohra, bl-ispejjez kontra l-attur nomine.*"

Jinghad illi qabel din il-konkluzzjoni ma kien hemm ebda konsiderazzjoni ohra tal-Qorti w apparti mill-atti tal-kawza l-Qorti kkwotat biss *verbatim* nota ta' l-osservazzjonijiet li kienet saret mill-Bank konvenut (pagni 10 sa 18 tas-sentenza) li addottathom u ghamlithom taghha.

Minn din is-sentenza l-attur nomine hass ruhu aggravat u interpona appell b'nota tal-21 ta' Novembru 1994 u petizzjoni fis-7 ta' Dicembru 1994. Ghal din il-petizzjoni saret risposta mill-Bank konvenut fis-26 ta' Dicembru 1994.

Wara provvediment moghti minn din il-Qorti fil-31 ta' Lulju 1996 fejn giet michuda talba ta' l-appellant ghall-produzzjoni ta' xhieda gdida l-kawza giet differita ghat-trattazzjoni, liema trattazzjoni saret mill-Avukat ta' l-appellanti fis-seduta tal-15 ta' Jannar 1997. It-trattazzjoni mill-appellati ma saritx peress illi l-Qorti fis-seduta tal-10 ta' April 1997, wara li semghet lill-partijiet, dehrilha li kellha tisma' lil Registrar of Partnerships riferibbilment biss ghad-dokument a fol. 63 tal-process. F'din is-seduta l-Qorti tat il-fakolta' lill-partijiet jaghmlu noti ta' sottomissjonijiet. Dik tal-Bank appellat saret fis-6 ta' Mejju 1997. In-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-appellanti, invece, saret fid-9 ta' Settembru

1997 bil-kontro-risposta ta' l-appellati ghaliha tas-17 ta' Ottubru 1997 wara digriet ta' din il-Qorti tal-24 ta' Settembru 1997. Il-kawza giet finalment differita ghas-sentenza fil-15 ta' Dicembru 1997 liema sentenza sejra tinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi din il-Qorti jidhrilha illi ghall-apprezzament tal-punti fattwali u legali nvoluti f'din il-kawza hemm bzonn li ssir analizi fil-qosor tal-kuntratti/skritturi li qed jigu attakkati, apparti minn ezami ta' kif is-socjetajiet debitrici gew rapprezentati mill-konvenut Winston Carbone f'dawn il-kuntratti u dana apparti minn konsiderazzjonijiet legali ohra li jigu msemmija aktar tard f'din is-sentenza partikolarment meta l-ezami fuq imsemmi ma sar bl-ebda mod mill-Ewwel Qorti.

**A.** L-ewwel sensiela ta' kuntratti/skritturi li qed jigu kkontestati huma dawk li ghall-ezekuzzjoni taghhom il-Mid-Med Bank kien ippropona kawza kontra s-socjeta' "Everest Contractors Limited" u *in solidum* maghha u bhala garanti ta' l-istess lis-socjeta' "F. & R. Holdings Ltd." (Citazzjoni Numru: 106/89).

Il-kuntratti/skritturi li huma msemmija f'dik ic-citazzjoni huma:

**( i)** Kuntratt tat-23 ta' Settembru 1985 fl-atti tan-Nutar Henri Vassallo fejn il-Bank kien sellef lis-socjeta' "Everest Contractors Limited" is-somma ta' Lm150,000 oltre l-imghax relattiv. Fuq dan il-kuntratt deher Winston Carbone "*for and on behalf of "Everest Contractors Limited" duly authorized as appears from the hereto annexed resolution of the Board of Directors marked with the letter 'A'*";

**( ii)** Kuntratt tal-21 ta' Marzu 1987 fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja fejn il-Bank ivversa lill-istess socjeta' Lm100,500 bhala self u Lm25,291 bhala "Overdraft". Fuq dan il-kuntratt deher ukoll biss Winston Carbone ghal din is-socjeta' skond kif awtorizzat bil-Memorandum & Articles ta' l-istess socjeta' u bhala Sole Director.

Bhala garanzija ghall-facilitajiet moghtija lis-socjeta' "Everest Contractors Limited" taht **"(i)"** u **"(ii)"** din is-socjeta' apparti minn ipoteka generali pprovdiet ipoteka specjali fuq l-"Intermediate Floor" fil-kumpless "Burlington Complex" fi Dragonara Road, San Giljan;

**(iii)** B'kuntratt invece tat-2 ta' Lulju 1987 fl-atti tan-Nutar Clyde La Rosa dehru l-Bank u Winston Carbone din id-darba bhala Sole Director ta' "F. & R. Holdings Ltd." li ghamlet tajjeb ghad-dejn fuq deskritt u pproduciet, apparti minn ipoteka generali, ipoteka specjali fuq il-fondi 83 u 84 Bakery Street, Lija;

**( iv)** Fl-istess data permezz ta' skrittura privata bejn il-partijiet fuq il-formola solita tal-Bank "F. & R. Holdings Ltd." tat garanzija ghall-ammont ta' Lm249,041 favur il-Bank in sostenn tad-debitu ta' "Everest Holdings Limited" u fuq din l-iskrittura deher ukoll ghan-nom ta' "F. & R. Holdings Ltd." Winston Carbone.

**B.** Kuntratt iehor li qed jigi attakkat huwa dak li jifforma wkoll il-meritu tal-kawza Citazzjoni Numru: 108/89. Dan il-kuntratt kien sar fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja fl-14 ta' Frar 1987 u permezz tieghu Winston Carbone personalment issellef Lm11,000. Fl-istess kuntratt pero' u wkoll bi skrittura ta' l-istess data s-socjetajiet "Overseas Trading Limited." u "The Orangery Limited" iggarantew *in solidum* mad-debitur il-kapital u l-imghax misluf. Ghal dawn is-socjetajiet deher Winston Carbone bhala Sole Director fil-kaz ta' "Overseas Trading Limited." u b'rizoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi ghal "The Orangery Limited" (jinghad illi din ir-risoluzzjoni ma hijiex esebita f'dan il-process

pero' ma jidhirx illi dan huwa wiehed mill-punti ta' kontestazzjoni). Dik il-kawza ghalhekk giet proposta mill-allura Bank attur kontra Winston Carbone personalment u ghan-nom taz-zewg socjetajiet imsemmija.

**C.** Il-Mid-Med Bank ipproceda wkoll kontra Agostino sive Winston Carbone ghan-nom tas-socjeta' "The Orangery Limited" (Citazzjoni Numru: 110/89) a bazi ta' zewg kuntratti fejn din is-socjeta' inghatat "Overdraft Facilities" liema kuntratti saru rispettivament fl-atti tan-Nutar Carmel Mangion fl-14 ta' April 1986 u tan-Nutar Francis Micallef fit-13 ta' Novembru 1986. Fl-ewwel kuntratt Carbone deher bhala Sole Director tas-socjeta', fit-tieni a bazi tar-risoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi li dwarha din il-Qorti tirrepeti l-kummenti maghmulha f'"**B**" supra.

**D.** Finalment l-ahhar kawza li ppropona l-Bank saret originarjament kontra Agostino sive Winston Carbone u Eric Brimmer ghan-nom ta' "Everest Contractors Limited" ghar-restituzzjoni ta' ammonti mislufa a bazi ta' "Overdraft" lill-kumpannija skond kuntratt tan-Nutar Mario Bugeja tal-21 ta' Marzu 1987 f'liema kuntratt pero' deher biss Agostino sive Winston Carbone "*as authorized by the Memorandum and*

*Articles of Association in his capacity as Sole Director.*" (Citazzjoni Numru: 111/89).

Ikkunsidrat:

**1.** Is-socjeta' "F. & R. Holdings Ltd." giet registrata fit-28 ta' Ottubru 1977. Id-Diretturi ta' din is-socjeta' mal-formazzjoni taghha kienu certi Inez Scicluna u Raymond Agius li kienu wkoll l-unici socji. Jidher mill-*annual return* li sar fis-27 ta' Dicembru ta' l-istess sena, u cioe' 1977 li l-oqsma gew trasferiti lill-minuri (dak iz-zmien) l-atturi f'din il-kawza. Scicluna u Agius pero' baqghu Diretturi tas-socjeta' sas-26 ta' Mejju 1978 fejn irrezinjaw u sar flokhom Winston Carbone wahdu u ghalhekk kien hemm bzonn ta' bdil fil-Memorandum & Articles liema bdil sar fl-istess gurnata. "*The Management and administration of the Company's affairs are entrusted to a Board of Directors consisting (unless and until otherwise determined by the company) of not less than one and not more than six directors).*" Ta' aktar importanza ghall-fini ta' din il-kawza l-artikolu 55 ta' l-Articles of Association ta' din il-kumpannija hekk jipprovdi: "*Deed of whatever nature engaging the Company and all other documents perporting to bind the Company including Bank*

*documents, cheques, promissory notes, drafts, bills of exchange and other negotiable instruments shall be signed, drawn and accepted, endorsed or otherwise executed as the case may be by the Managing Director of the Company or by any Director of the Company or by any person or persons delegated by the Board of Directors.*" Finalment ghar-rigward ta' din is-socjeta' fit-22 ta' Mejju 1987 gie mibdul ukoll il-Memorandum of Association f'Extraordinary General Meeting fejn zdiedet din il-klawsola fl-Objects Clause: "*To guarantee the liabilities or obligations of third parties and, when required, to secure such guarantees by hypothecation of the company's assets present or future.*"

Ikkunsidrat:-

Illi ghalhekk *prima facie* u salv kwistjonijiet legali ohra li sejrin jigu ttrattati aktar 'il quddiem f'din il-kawza jidher illi meta Agostino sive Winston Carbone deher ghal din is-socjeta' bhala Sole Director taghha fil-kuntratt tat-2 ta' Lulju 1987 fl-atti tan-Nutar Clyde La Rosa u fuq l-iskrittura ta' l-istess data deskritti fil-paragrafi **"A (iii)"** u **"(iv)"** supra f'din is-sentenza huma verament kien is-Sole Director ta' din is-socjeta' u skond l-

Articles taghha kien awtorizzat jirrapprezentaha fuq il-kuntratt/skrittura in kwistjoni. Di piu' s-socjeta' kellha, wara l-emenda li saret fil-Memorandum, il-"*guaranteeing powers"* fl-Objects Clause taghha u, ghalhekk, il-garanzija li inghatat minn Carbone nomine ma kenitx *prima facie ultra vires* il-poteri tal-kumpannija;

**2.** Is-socjeta' "Everest Contractors Limited" giet registrata fis-6 ta' Frar 1985. Socji kienu, principalment Edward Camilleri, (999 minn 1,000 sehem) u s-socjeta' "The Orangery Limited" (sehem 1). Il-maggior parti ta' l-oqsma ta' Camilleri gew ukoll trasferiti lil "The Orangery Limited" fit-8 ta' Frar 1985 (jumejn wara l-formazzjoni) filwaqt illi sehem wiehed gie trasferit lil "F. & R. Holdings Ltd." fl-istess data. L-ewwel Diretturi kienu Edward Camilleri u Eric Brimmer li pero' ma baqghux f'din il-kariga u fl-10 ta' Settembru 1985 saru flokhom Winston Carbone u martu Vernie Carbone (jinghad illi dawn kienu zzewgu fl-14 ta' Jannar 1983 kif jirrizulta mic-certifikat mahrug mir-Registru Pubbliku a fol. 57 tal-process Citazzjoni Numru: 106/89). Vernie Carbone rrizenjat fl-1 ta' Gunju 1987 u ghalhekk sar necessarju t-tibdil li gie mghoddi fl-Extraordinary General Meeting tal-kumpannija ta' l-istess data fejn il-Memorandum & Articles gew mibdula b'dan il-mod: "*The Company shall be administered by a Board of*

*Directors consisting of not less than one (1) and not more than five (5) directors.*" (ara fol. 61 tal-process fil-Prim'Istanza). L-artikolu 7.1 ta' din is-socjeta' invece hekk jipprovdi: "*Deeds of whatever nature engaging the Company and all other documents perporting to bind the Company, as well as cheques, bills of exchange, promissory notes and other negotiable instruments shall be signed and executed on behalf of the Company by any two directors acting jointly or by any such person u persons jointly or severally as the Board of Directors may from time to time determine.*"

Fid-data ta' meta sar l-ewwel kuntratt ma' din is-socjeta' fl-atti tan-Nutar Henri Vassallo fit-23 ta' Settembru 1985 - ref. **"A (i)"** supra - id-Diretturi tas-socjeta' kienu tnejn u ghalhekk strettament skond l-artikolu tas-socjeta' 7.1 fuq ikkwotat kellhom fil-fatt jidhru t-tnejn. F'dan il-kuntratt pero' deher biss Winston Carbone. Huwa pero' kien awtorizzat b'resoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi li kienet saret fit-28 ta' Awissu 1985 li dwarha hekk xehed il-konvenut Edward Camilleri f'din il-kawza quddiem l-Ewwel Qorti fis-seduta tas-6 ta' Mejju 1992: "*B'riferenza ghax-xhieda moghtija minni fl-udjenza tad-19 ta' Frar 1992 jiena qieghed nesebixxi d-dokument originali msemmi f'dik id-deposizzjoni tieghi u li minnu tirrizulta r-resolution favur Winston*

*Carbone. Qieghed nesebixxi r-resolutions in kwistjoni li huma ta' meeting tad-Diretturi li sar fit-28 ta' Awissu 1985 fil-5.00 p.m. u nirrileva illi z-zewg resolutions qeghdin jigu mmarkati rispettivament Dokument "EC1" u Dokument "EC2". Ir-resolution li biha gie nominat Winston Carbone, jigifieri d-Dokument "EC1" saret wara illi kont gejt nominat jiena.*" U aktar tard f'din ix-xhieda: "*Li nixtieq nghid jew nikkorregi dak illi gie traskritt illi effettivament jiena l-impressjoni li kelli hi illi kien hemm meeting informali u illi ma kienx hemm prezenti ghall-meeting anke Eric Brimmer u li kelli l-impressjoni illi huwa kien gie nfurmat u mbaghad saret ir-resolution. Effettivament irrizultali minn dak illi fakkarni Eric Brimmer stess u mir-resolutions illi Eric Brimmer effettivament kien prezenti.*" Effettivament minkejja illi ma kienx hemm il-bzonn ta' zewg kopji ufficjali ta' din ir-resoluzzjoni gew esebiti wahda a fol. 353 ta' dan il-process u ohra a fol. 97 fil-process Citazzjoni Numru: 106/89. L-artikolu 7.1 ghalhekk gie onorat peress illi jipprovdi ghall-eventwalita' li persuna tkun awtorizzata mill-Bord. Hawnhekk ukoll, ghalhekk, *prima facie* jidher illi r-rapprezentanza ta' Carbone ma tistax tigi kkontestata.

Il-kuntratt li huwa deskritt f'**"A (ii)"** supra jipprezenta xi ftit ta' diffikolta'. F'dan il-kuntratt li sar fil-21 ta' Marzu 1987 fl-atti tan-

Nutar Mario Bugeja deher biss Winston Carbone kif awtorizzat bil-Memorandum & Articles ta' l-istess socjeta' u bhala Sole Director. Fattwalment u legalment dan jirrizulta illi ma kienx minnu. Winston Carbone f'din id-data la kien Sole Director (Vernie Carbone rrizenjat xi xahrejn wara) u lanqas kien awtorizzat mill-Memorandum & Articles li kienu jirrikjedu li jidhru zewg Diretturi fuq dan il-kuntratt jew persuna awtorizzata mill-Bord tad-Diretturi. Fir-rigward ta' <u>dan il-kuntratt</u> mhux alllegat minn ebda parti fil-kawza li Carbone kien hekk awtorizzat. L-implikazzjonijiet legali ta' din is-sitwazzjoni sejrin jigu ezaminati aktar tard f'din is-sentenza ma' punti ohra legali li gew sollevati mill-partijiet fit-trattazzjoni verbali u bil-kitba li saret f'dan l-appell.

**3.** "The Orangery Limited" giet registrata fit-30 ta' Settembru 1983. Is-socji principali kienu t-tfal, dak iz-zmien minuri, atturi f'din il-kawza (404 minn 500 sehem) li gew rapprezentati fil-formazzjoni tas-socjeta' minn Professur Ian Refalo awtorizzat mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili. L-unika Direttur sa mill-formazzjoni kien Winston Carbone. L-artikolu 16 ta' l-Articles ta' din is-socjeta' jipprovdi: "*The Directors' power to bind the Company and to undertake obligations and liabilities on behalf of the Company shall not be limited. Any Director may*

*represent the Company in judicial proceedings and, provided he is duly authorized by the Board, shall have full power to represent the Company in any agreement or obligation with third parties.*" Huwa ovvju li Direttur uniku jikkostitwixxi l-Bord kollu u ghalhekk anke hawnhekk *prima facie* Carbone deher korrettement fil-kuntratti fl-atti tan-Nutar Carmel Mangion u tan-Nutar Francis Micallef imsemmija f'**"C"** supra.

> "*In this respect it is important to refer to section 122 which provides that, unless otherwise provided in the Memordandum of Articles of a Company, any two of the Directors, or, if there is only one Director, that Director, shall represent the Company.*" (Prof. Felic Cremona - "The Law of Commercial Partnerships in Malta" - pagna 117).

Din is-socjeta' pero' wkoll iggarantiet il-facilitajiet personali li inghataw lil Carbone personalment skond il-kuntratt imsemmi f'**"B"** supra fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja fl-14 ta' Frar 1987. Dwar il-legalita' tar-rapprezentanza ta' Carbone jghodd dak iddikjarat fil-paragrafu precedenti. Din is-socjeta' pero' fid-data tal-kuntratt ma kenitx awtorizzata skond l-Objects Clause taghha biex tiggarantixxi d-dejn ta' terzi persuni peress illi dan sar biss possibbli bl-emenda li saret fl-Extraordinary General

Meeting tat-22 ta' Mejju 1987 u ghalhekk wara d-data tal-kuntratt. Ma jidhirx pero' li dan il-punt huwa wiehed mill-punti in kontestazzjoni u ghalhekk dan in-nuqqas u sa fejn jista' jwassal ma humiex sejrin jigu ezaminati minn din il-Qorti oltre dak li sejjer jinghad.

Dwar dan il-punt pero' l-Qorti jidhrilha li ghandha taghmel dawn l-osservazzjonijiet.

i. Fil-fehma taghha dan in-nuqqas, jekk nuqqas jista' jissejjah, kellu jkun rilevat *a tempo vergine* peress illi r-resoluzzjoni fuq imsemmija li saret ftit xhur wara li inghatat il-garanzija ghandha tkun ikkunsidrata bhala li ssanat xi nuqqas li seta' kien hemm fir-rigward ta' dejn li kien ghadu vigenti w ezistenti fid-data ta' l-istess resoluzzjoni.

ii. L-alterazzjoni li saret fl-Objects Clause tal-Memorandum of Assocation tal-kumpannija bir-Resoluzzjoni Straordinarja fuq imsemmija ssir fil-prattika, forsi korrettement, fuq insistenza tal-bank kreditur biex b'hekk jigu eliminati d-dubbji kollha li jistghu jinqalghu. Il-Qorti pero' thoss illi dawn il-"guaranteeing powers" huma *intra vires* il-poteri ta' kull socjeta' li jkollha klawsola generali fl-Objects Clause taghha simili ghal dik ezistenti fl-

Objects Clause ta' din is-socjeta'. "*To do all such other things as may be deemed incidental or conducive to the attainment of the above objects or any of them.*" (Klawsola (k) ta' l-Objects Clause tas-socjeta' "The Orangery Limited"). Fl-ezami li ghamel ta' "The Objects Clause" fil-ktieb tieghu fuq imsemmi l-Professur Cremona jghid illi l-Objects Clause facilment jinkludu, fost ohrajn, "*a concluding paragraph authorising the company to do all such other things as may be incidental or conducive to the attainment of the Company's objects or any of them.*" F'dan ir-rigward ghalhekk isostni "*In this connection, however, one should keep in mind that whatever is necessary to do with a view to attaining the stated objects or whatever else may be reasonable regarded as incidental or conducive to the said objects need not be specifically mentioned in that such acts are implied and to a great extent covered by the concluded paragraph above referred to.*" (a pagna 75). Aktar tard fl-istess ktieb jezamina t-teorija ta' l-*ultra vires* fid-dottrina Ingliza. Jghid illi kull obbligazzjoni assunta mis-socjeta' tkun *ultra vires* dik is-socjeta' meta dik l-obbligazzjoni ma tkunx awtorizzata mill-Objects Clause, invece tkun *intra vires* il-kumpanija izda *ultra vires* id-Diretturi meta r-rapprezentanza fuq l-att in kwistjoni ma tkunx skond kif stipulat fil-Memorandum and Articles. Fl-ewwel kaz l-obbligazzjoni hija nulla u ma tistax tigi rattifikata; fit-tieni

kaz, hija wkoll fil-maggior parti tal-kazijiet nulla, pero' tista' tigi rattifikata mill-membri tal-kumpanija.

Fil-waqt li jsostni li din it-teorija hija wkoll applikabbli ghall-kumpaniji maghmulha taht l-Ordinanza tal-1962, hemm distinzjoni essenzjali skond hu: "*On the other hand, a company created under the 1962 Ordinance, being a legal person, has a capacity which is virtually unlimited and may alter its Memorandum and Articles at any time by an extraordinary resolution: hence, even where a contract or similar act is "ultra vires" the Company, such contract or act would be capable of ratification by an extraordinary resolution of the Company in General Meeting.*" Din l-ispjegazzjoni, fil-fehma tal-Qorti, hija ta' rilevanza ghall-kaz prezenti.

iii. Finalment dwar dan il-punt din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li sejjer jinghad aktar tard f'din is-sentenza fir-rigward tal-kaz Ingliz "Royal British Bank vs Turquand" li, forsi limitatament ghal din il-materja, tista' ssib l-applikazzjoni taghha anke fejn qed jigi ttrattat kaz taht il-ligi tas-socjetajiet regolata bl-Ordinanza tal-1962.

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-kostatazzjonijiet fuq maghmulha jghoddu wkoll ghall-kuntratt u skritturi fejn is-socjetajiet "The Orangery Ltd." u "Overseas Trading Ltd." iggarantew self li kien sar lil Winston Carbone personalment (meritu tal-kawza Citazz. Nru: 108/89).

**4.** Is-socjeta' "Overseas Trading Company Limited" (l-isem illum tbiddel f'"Burlington Holdings Limited" b'resoluzzjoni tad-29 ta' Jannar 1993) giet registrata fil-31 ta' Mejju 1972. Is-socji originali kienu Walter u Mary Cassar li kellhom rispettivament 499 u 1 *share* kull wiehed. Fit-23 ta' Lulju 1979 dawn gew trasferiti - dawk ta' Walter Cassar lil "F. & R. Holdings Ltd." - dak ta' Mary Cassar lil Winston Carbone. Fit-18 ta' Settembru 1979 Walter u Patricia (erroneament flok Mary) irrizenjaw minn Diretturi u lahaq flokhom Winston Carbone bhala l-unika Direttur. Fl-14 ta' Awissu 1979 il-Memorandum & Articles ta' din is-socjeta' gew alterati b'dan il-mod: "*The company shall be managed by a board of directors composed of not less than one and not more than three directors.*" B'riferenza ghal din il-kawza dawna regghu gew mibdula fit-22 ta' Mejju 1987 biz-zieda ta' din il-klawsola fil-Memorandum & Articles: "*To guarantee the liabilities or obligations of third parties and, when required, to secure such guarantees by hypothecation of the company's*

*assets present or future.*" Fil-kuntratt fuq citat ghalhekk tal-14 ta' Frar 1987 fejn din is-socjeta' ukoll dehret bhala garanti ghal Carbone personalment, Winston Carbone korrettement deher in rapprezentanza taghha bhala s-Sole Director. Fid-data tal-kuntratt pero' wkoll din il-kumpanija ma kellhiex il-poter skond l-Objects Clause ezistenti sa dak in-nhar li tiggarantixxi d-debiti ta' terzi persuni peress ukoll f'din is-socjeta' l-emenda li awtorizzat dan l-agir saret biss fl-Annual General Meeting tat-22 ta' Mejju 1987. Dwar dan il-punt, pero', il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li ntqal minnha fi **"3"** supra.

**5.** Il-kuntratt imsemmi fid-**"D"** li huwa l-meritu tal-kawza Citazzjoni Numru: 111/89 ukoll jirrigwarda self maghmul mis-socjeta' "Everest Contractors Limited" liema socjeta' giet ezaminata taht **"2"** supra. Dan il-kuntratt ukoll sar fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja fil-21 ta' Marzu 1987 u fuqu deher ukoll biss Winston Carbone bhala awtorizzat mill-Memorandum & Articles u fil-kapacita' tieghu ta' Sole Director. Din il-Qorti diga' rrimarkat illi dan ma kienx minnu taht l-ebda minn dawn il-funzjonijiet u japplika ghalhekk ghal dan il-kaz dak imsemmi fit-tieni parti ta' **"2"** supra fejn il-Qorti ezaminat il-kuntratt deskritt f'**"A (ii)"** li jipprezenta l-istess problematika ghal dan il-kuntratt in ezami.

Ikkunsidrat:

Illi l-punt legali ta' din il-problematika giet ezaminata fil-kaz Ingliz imsemmi mill-Bank konvenut fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu fil-Prim'Istanza ta' "The Royal British Bank vs Turquand". Ir-regoli li gew stabbiliti f'dan il-kaz gew serjament restritti f'sentenzi aktar recenti pero' ebda minn dawn ir-restrizzjonijiet ma japplikaw ghall-kaz prezenti. L-awtur Ingliz Gower hekk jikkummenta fuq dan il-kaz meta ezaminah in konfront mat-teorija li kwalunkwe kreditur kellu l-obbligu li jivverifika l-poteri tal-kumpanija u tar-rapprezentanza taghha meta dina setghet temergi minn ezami tal-Memorandum and Articles tas-socjeta' debitrici. "*In the circumstances one might reasonably have supposed that a third party, who was bound to read the deed, would be put on enquiry to see that the requirements of the deed had been fulfilled. On the contrary, it was held that since, under the deed, the Directors* <u>*might*</u> *have had authority, the third party was entitled to assume that in fact they had it.*" (Gower's Principles of Modern Company Law" - 4th Edition - 1979). Fil-ktieb Pennington's Company Law (4th Edition, Butterworts - 1979) l-awtur jikkonsidra l-applikazzjoni tar-regola tat-Torquand's case taht tlett aspetti:

"*(a) The defective appointment of a Director, or a Director continuing to act for the Company after he ceased to be a Director;*

*(b) Failure to hold a properly convened Board Meeting to authorise the Company to enter into a transaction; and*

*(c) A disregard of the limitations imposed on Directors' authority by the Memorandum or Articles.*"

Fil-kaz in ezami huwa rilevanti dak li jghid dan l-istess awtur a pagina 124 ta' l-istess ktieb: "*The reason why the rule protects the outsider in these cases is that he has no means of ensuring that the conditions or the procedure prescribed by the Memorandum or Articles have been adhered to.*"

Il-Professur Cremona fil-ktieb tieghu fuq imsemmi filwaqt li jaghmel riferenza ghal kaz bhal prezent fejn l-obbligazzjoni tkun giet assunta minn kumpanija li ma kenitx validament rapprezentata u ghalhekk dak l-att ikun *intra vires* il-Kumpanija pero' *ultra vires* id-Direttur u fil-waqt li jghid ilil taht is-sistema Ingliza dan l-att huwa null pero' jista' jigi ratifikat ma jghidx x'ghandha tkun ir-regola taht il-ligi taghna skond l-Ordinanza tal-1992. Aktar tard fl-istess ktieb pero', jiddeskrievi l-funzjoni legali

tad-Diretturi. "*According to law Directors in their internal dealings with the Company are the mandatories of, and in their dealings with third party are the agents of, the Company: in the former case the general principles of the law of mandate and in the latter those of the law of agency would apply.*" (pagna 113). Ovvjament li huwa rilevanti ghal dan il-kaz partikolari huwa r-relazzjoni tad-Direttur mal-Bank terz u mhux ir-relazzjoni tieghu mas-socji.

L-istess Professur Cremona a pagina 117 ta' l-istess ktieb hekk jikkummenta: "*If the Directors act on behalf of the Company and within the scope of their authority, they bind the Company.*" Dan jidher li huwa l-istess principju li huwa enuncjat fl-Artikolu 50 tal-Kodici tal-Kummerc, Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi:

> "*L-atti kollha maghmulin minn rapprezentant ghall-Principal, fil-limiti tas-setghat tieghu, jgibu direttament l-effett taghhom favur jew kontra l-Principal.*"

L-Artikolu 52 ta' l-istess Kodici jghid dwar il-forma tas-setghat moghtija lir-rapprezentant: "*Meta l-ligi trid li att jsir bil-miktub, is-*

*setgha moghtija lir-rapprezentant sabiex jaghmel dak l-att ghandha tinghata bil-miktub.*"

Issa skond l-Artikolu 133 (1) u (c) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16) kwalunkwe jedd fuq beni immobbli jew il-"garanziji" "*ghandhom isiru b'att pubbliku jew b'kitba privata, taht piena ta' nullita u dan fejn il-ligi ma tipprovdix espressament ghall-att pubbliku.*" Dan il-principju gie sanzjonat mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet "Saviour Farrugia vs Carmel sive Charles Grima" deciza fil-21 ta' April 1972 fejn gie ribadit li l-Artikolu 52 tal-Kapitolu 13 appena citat kien jesigi illi kull meta agent kien qed jigi awtorizzat mill-principal tieghu biex jirrapprezentah fuq att li ghall-esekuzzjoni tieghu l-ligi kienet tesigi l-forma skritta, l-prokura li tinghata lill-agent, kellha wkoll tkun moghtija lilu bil-miktub.

Il-Qorti hasbet fit-tul dwar din il-materja u wara li kkunsidrat illi m'ghandux ikun hemm dubbju illi l-kaz prezenti ghandu jkun regolat bil-ligi vigenti fiz-zmien ta' meta sar is-self (l-Ordinanza tal-1962 u mhux bl-Att XXV promulgat fl-1995) waslet ghal-konkluzzjoni illi l-principji tal-ligi Ingliza fuq kwotati ma jistghux japplikaw b'deroga ta' provvedimenti specifici ta' l-ordinament guridiku taghna. F'dan ir-rigward japplika l-principju enuncjat fil-

kaz "Salvatore Schembri et vs Salvatore Gauci et noe" deciza fil-31 ta' Ottubru 1983 fejn gie ritenut, *inter alia* - "*Huwa principju fondamentali illi d-diretturi ta' socjeta' huma marbutin bil-Memorandum u Articles of Association ta' l-istess socjeta'. Il-poteri taghhom jitwieldu mill-istess Memordaum u Articles of Association u huma ghandhom id-dover li josservaw ir-restrizzjonijiet kollha li dawn jimponu fuqhom.*" U aktar tard: "*Salvatore Gauci li ffirma l-konveju tas-17 ta' Novembru 1978, kif ukoll l-prorogi tieghu kellu l-obbligu li josserva l-Memorandum u Articles of Association tas-socjeta' appellanti, fosthom anke l-Artikolu 12 fuq citat li jimponi 'inter alia' l-kondizzjoni li kwalunkwe dokument li jorobt lill-istess socjeta', ghandu jigi ffirmat miz-zewg diretturi tas-socjeta' flimkien. Il-kliem ta' dan l-artikolu huma cari w univoci u ma jaghtu lok ghal ebda interpretazzjoni u ghalhekk tapplika l-massima legali 'ubi nulla ambiguitas verborum est non est facienda voluntatis quaestio.'* "

Sa fejn jistghu jwasslu l-principji fuq elenkati applikati ghall-fatti tal-kaz prezenti jigi ezaminat aktar tard f'din is-sentenza partikolarment in vista tal-fatt illi ma jidhirx illi huwa kkontestat anke mix-xhieda stess tal-konvenut Carbone illi l-flus mislufa gew, almenu fil-maggior parti taghhom, uzati ghal skopijiet tas-

socjetajiet debitrici u ghalhekk f'kaz ta' ezitu posittiv favur l-atturi sejjer ikun hemm indebitu ghal-Bank konvenut.

Qabel pero' din il-Qorti sejra tindirizza l-punti l-ohra ta' natura legali li gew sollevati mill-appellanti fir-rigward tal-legalita' tar-rapprezentanza ta' Winston Carbone ghat-tfal minuri tieghu fil-laqghat generali tas-socjetajiet involuti f'dan il-kaz u ta' jekk kienx hemm il-bzonn ta' l-intervent tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili biex huwa jiffirma l-kuntratti/skritturi mal-Bank konvenut in rapprezentanza tas-socjetajiet li fihom l-oqsma fil-maggoranza jekk mhux l-oqsma totali kienu proprieta' ta' l-istess minuri. Hawn ukoll pero' l-Qorti qabel kollox thoss li ghandha tiddikjara illi dan l-aspett tal-kawza jrid jigi ezaminat a tenur tal-provvedimenti tad-dritt ezistenti fiz-zmien tat-transazzjonijiet in kwistjoni u cioe' dawk il-provvedimenti tal-Kodici Civili qabel ma gew introdotti l-emendi ta' l-Att XXI tal-1993. Fin-nota ta' sottomissjonijiet li saret mill-atturi fil-Prim'Istanza gie sollevat illi l-konvenut Winston Carbone kien abbuza mill-poteri tieghu ta' amministratur meta uza l-voti tat-tfal minuri fis-socjetajiet koncernati biex elegga lilu nnifsu bhala Direttur u biex gew emendati l-Memorandum and Articles ta' l-istess socjetajiet biex dawn ikunu jistghu jiggarantixxu d-dejn tat-terz. Illi apparti mill-fatt illi dawn il-garanziji li inghataw, inghataw favur socjetajiet

ohra li fihom kienu socji l-istess minuri u apparti mill-fatt, gia mensjonat, illi l-istess socjetajiet gew arrikiti bis-self maghmul li, jigi ripetut skond ix-xhieda ta' l-istess Carbone mhux kontradetta, gie wzat ghall-beneficcju ta' l-istess socjetajiet l-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni legali. Is-setgha tal-missier fil-Kodici Civili kien jinkludi sew id-dritt ta' amministrazzjoni tal-hwejjeg tal-minuri sew l-uzufrutt legali fuq il-frotti ta' dawn il-hwejjeg. Din il-Qorti hija tal-fehma illi dawn il-poteri jinkludu fihom innifishom id-dritt tal-missieri li jattendi u jivvota f'isem il-minuri f'laqghat generali f'socjetajiet u ghall-oqsma li ghandu l-amministrazzjoni u l-uzufrutt legali taghhom u dana minghajr l-awtorizzazzjoni tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili qabel ma tkun sejra tittiehed kull votazzjoni f'dik is-socjeta' partikolari. F'dawn ic-cirkostanzi, mill-banda l-ohra, l-Qorti thoss illi l-istess Carbone bhala l-persuna li kellu s-setgha tal-missier fuq il-minuri kien obbligat jivvota lilu nnifsu bhala d-Direttur tas-socjetajiet in kwistjoni peress illi altrimenti kien ikun qieghed jiddelega s-setgha tal-missier tieghu li legalment ma hijiex delegabbili.

Di piu' f'dan ir-rigward il-Qorti thoss illi ghandha taqbel mas-sottomissjonijiet maghmulha mill-Bank appellat illi din il-kwistjoni hija wahda purament interna bejn is-socji u Winston Carbone.

Gialadarba jirrizulta illi Carbone kien validament qed jirrapprezenta s-socjetajiet in kwistjoni skond il-Memorandum and Articles ta' dik is-socjeta' f'dawn il-kazijiet jew bhala "Sole Director" ta' dik is-socjeta' jew bhala awtorizzat mill-Bord tad-Diretturi allura t-terz huwa ntitolat li jifhem illi dik is-socjeta', persuna legali indipendenti mill-membri li jikkostitwuha, kienet validament rapprezentata. Dan il-principju, fil-fehma tal-Qorti pero', ma jreggix fejn anke din ir-rapprezentanza kienet monka ghax f'dawk il-kazijiet il-Bank appellat missu nsista li dik is-socjeta' tkun korrettement rapprezentata skond il-Memorandum and Articles taghha.

Il-kostatazzjonijiet kollha fuq maghmulha applikati ghall-kuntratti u ghas-socjetajiet li gew dettaljatament ezaminati minn din il-Qorti aktar kmieni f'din is-sentenza jwassluha ghal dawn il-konkluzzjonijiet:

1. Fil-kuntratt tan-Nutar Mario Bugeja li sar bejn is-socjeta' "Everest Contractors Limited" u l-Bank din is-socjeta' ma kenitx legalment rapprezentata minn Winston Carbone li la kien "Sole Director", ma kienx awtorizzat jidher wahdu skond il-Memorandum and Articles u mill-atti processwali ma tirrizulta ebda risoluzzjoni favur tieghu biex jidher fuq dan il-kuntratt partikolari kuntrarjament ghal dak li kien sar ghall-kuntratt fl-Atti

tan-Nutar Henri Vassallo tat-23 ta' Settembru 1985. L-istess jista' jinghad ghar-rapprezentanza ta' Winston Carbone fuq il-kuntratt fl-Atti tan-Nutar Mario Bugeja tal-21 ta' Marzu 1987 fejn Carbone deher bhala awtorizzat mill-Memorandum and Articles u fil-kapacita' tieghu ta' "Sole Director" ghan-nom ta' "Everest Contractors Limited" peress illi l-Qorti gia' rrimarkat li dan ma kienx minnu.

Fin-noti ta' sottomissjonijiet li saru quddiem din il-Qorti fis-6 ta' Mejju 1997 l-appellati qishom jirrikonoxxu din id-diffikolta' fir-rigward tal-kuntratti fuq imsemmija. Isostnu pero' (i) illi r-risoluzzjoni li kienet saret ghall-kuntratt l-iehor (u cioe' dak fl-Atti tan-Nutar Vassallo tat-23 ta' Settembru 1985) kienet ghadha valida ghal dawn il-kuntratti fuq imsemmija peress illi ma kenitx ristretta ghall-ewwel kuntratt, ma giet qatt revokata w allura l-Bank kien intitolat jistrieh fuqha; (ii) li d-"*doctrine of constructive knowledge*" kif zviluppat fis-sentenza Ingliza "Royal British Bank vs Turquand" kellha tapplika ghall-kaz prezenti; u (iii) illi dan is-self gie ratifikat mis-socjeta' attrici (konvenuta f'dan il-kaz) tacitament meta l-istess socjeta' baqghet tuza l-flus mislufa fl-izvilupp tal-progett "The Burlington Complex" anke wara li Vernie Carbone rrizenjat minn Direttur ta' "Everest

Contractors Co. Ltd." u baqa' l-uniku Direttur Winston Carbone fit-tmexxija ta' din is-socjeta'.

Ikkunsidrat:-

Dwar (ii) din il-Qorti tirreferi ghal dak li gia' intqal fir-rigward tat-teorija ta' "*the doctrine of constructive knowledge*" u ta' kif din it-teorija fil-fehma taghha ma tistax issib applikazzjoni f'dan il-kaz li huwa regolat bl-Ordinanza tal-1962.

Fir-rigward ta' (i) din il-Qorti thoss illi ma tistax taqbel ma' l-interpretazzjoni moghtija mill-Bank appellat. Ir-risoluzzjoni li saret f'Awissu tal-1985 hija intitolata "Appointment of special attorney" u li fiha gie deciz "*that Mr. Winston Carbone be appointed* <u>*special*</u> *attorney of the Company duly authorised to represent it on* <u>*a*</u> *public deed to be entered .....*" (kopja a fol. 353 tal-process - is-sottolinear huwa tal-Qorti) - riferenza ovvja ghal kuntratt uniku li kien sejjer isir ix-xahar ta' wara pero' mhux ukoll ghal zewg kuntratti li gew ippubblikati kwazi sentejn wara.

Fadal biss ghalhekk li tigi ezaminata s-sottomissjoni tal-Bank appellat taht (iii).

Kif rajna aktar kmieni f'din is-sentenza d-direttur f'socjeta' huwa meqjus bhala mandatarju tas-socjeta' fir-relazzjonijiet interni ma' dik l-istess socjeta' filwaqt illi huwa kkunsidrat bhala r-rapprezentant ta' dik is-socjeta' fir-relazzjonijiet taghha ma' terzi persuni. Minkejja din id-distinzjoni fil-prattika, anke mil-lat legali, ftit jista' jkun hemm divergenza bejn dawn iz-zewg tipi ta' rapprezentanza u dana in vista ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 49 tal-Kodici tal-Kummerc fir-rigward tal-ligi applikabbili ghal rapprezentanza kummercjali.

"*Fin-nuqqas ta' patt, ta' ligi jew ta' uzu kuntrarju, ir-rapprezentanza kummercjali hija regolata mid-disposizzjonijiet tat-titolu XVIII tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodici Civili sa fejn jistghu jghoddu.....*"

Ir-riferenza hija ghall-Artikoli tal-ligi fil-Kodici Civili li jittrattaw il-Mandat. Il-Kodici tal-Kummerc ma jikkonsidrax direttament il-kaz fejn atti maghmulha minn rapprezentant ghall-principal imorru oltre s-setghat tar-rapprezentant <u>pero'</u> wara jigu ratifikati mill-principal. Invece l-Artikolu 1880 (2) tal-Kodici Civili fir-rigward tal-mandant jipprovdi: "*Hu mhux obbligat ghal dak li l-mandatarju jkun ghamel barra mil-limiti ta' dawk is-setghat, hlief jekk hu jkun irratifika espressament jew tacitament dak l-ghemil.*" Fattwalment ma jidhirx illi qatt gie kkontestat illi s-

socjeta' "Everest Contractors Limited" baqghet tuza l-flus mislufa.

U zgur li ma rrizultax jew gie ppruvat mod iehor. Effettivament, anke wara li Winston Carbone ma baqax Direttur u saret Direttur Vernie Carbone w anke wara li z-zewgt itfal, socji maggoritarji fl-istess socjeta' saru maggorenni ma giet proposta ebda azzjoni legali ohra (jew jekk giet proposta ma ngabet ebda prova dwarha) hlief ghall-azzjoni odjerna u dana wara l-kawzi proposti mill-Bank ghar-riklam tas-self minnu maghmul. Wiehed kien jistenna illi li kieku fattwalment is-socjetajiet in kwistjoni ma hadux il-beneficcju ta' dawn il-facilitajiet, l-appellanti kienu jipprocedu mod iehor u dana apparti forsi wkoll bl-azzjoni odjerna bbazata biss fuq legalizmu pur. Fil-fehma tal-Qorti b'hekk is-socjeta' in kwistjoni tacitament irratifikat l-ghemil ta' Winston Carbone li kien agixxa fl-interess taghha u, almenu fil-konfront taghha, ma rrizulta bl-ebda mod li dan agixxa in malafede.

Ikkonsidrat dak kollu fuq premess jonqos li jigi wkoll ikkonsidrat it-tieni punt imqajjem b'mod preliminari mill-Bank appellat fir-risposta ta' l-appell tieghu. Effettivament jirrizulta illi almenu fil-konfront ta' l-attrici Fabianne Carbone l-istess Bank huwa

gustifikat fis-sottomissjoni tieghu. Jirrizulta illi din l-attrici twieldet fl-14 ta' Dicembru 1974 u allura sew fid-data li gietipprezentata n-nota ta' l-appell u allura wkoll fid-data tal-prezentata tal-petizzjoni hija kienet maggorenni u ghalhekk dawn l-atti kellhom jigu pprezentati f'isimha proprju. Effettivament fis-seduta tal-5 ta' Frar 1993 quddiem il-Prim'Istanza gie rilevat mill-kuratur specjali li Fabianne Carbone kienet saret maggorenni u li ghalhekk kienet sejra tipprezenta nota li biha tassumi l-atti tal-kawza. Din in-nota pero' qatt ma giet ipprezentata, l-atturi baqghu jkunu rapprezentati mill-kuratur specjali minkejja illi l-attur l-iehor Rowan Carbone (li twielet fit-28 ta' Gunju 1977) ukoll sar magorenni fil-mori ta' dan l-appell u dana hlief ghan-nota ta' sottomissjonijiet li saret minnhom fid-9 ta' Settembru 1997 u li giet ipprezentata f'isimhom minkejja illi ma kienu qatt assumew l-atti tal-kawza. Dan pero' kien u huwa r-responsabbilita' ta' l-istess atturi li, in-nuqqas taghhom, ma ghandux ikun ta' pregudizzju ghall-Bank appellat. Jinghad ghal kull buon fini f'dan il-kuntest illi anqas ma jirrizulta mkien mill-atti processwali ta' din il-kawza sew fl-istadju tal-Prim'Istanza sew fil-grad ta' l-appell tal-mod kif, u minn min, Dr. Anthony Farrugia gie nominat bhala kuratur specjali ghall-minuri f'dawn il-proceduri qabel ma dawna saru maggorenni.

Jinghad finalment illi fir-rigward tal-kuntratti li saru bejn is-socjeta' "Everest Contractors Limited" u l-Bank appellat, it-tnejn fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja, is-socjeta' in kwistjoni kienet il-beneficcjarja tas-self u ghalhekk sar arrikkixximent fl-assi taghha.  Il-kazijiet fejn dan ma kienx minnu u fejn is-socjeta' in kwistjoni ghamlet biss garanzija favur Carbone personali jew nomine gia' gew ezaminati minn din il-Qorti aktar kmieni f'din is-sentenza li dehrilha illi f'dawk il-kazijiet is-socjetajiet in kwistjoni kienu validament rapprezentati mill-istess Carbone u dana ghar-ragunijiet hemm moghtija.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha fuq moghtija l-appell huwa respint u minkejja illi forsi fuq motivazzjonijiet differenti s-sentenza appellata hija kkonfermata.

L-ispejjes tal-prim'istanza huma kif decizi.  Dawk ta' l-appell invece jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet mhux biss in vista tal-punti ta' dritt involuti ta' certu komplessita' izda wkoll peress illi b'aktar diligenza da parti tal-Bank attur dawn il-kawzi setghu jigu evitati.

App. Civ. Nru: 82/90

Deputat Registratur

rf.